A.L. 45 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għad-Diploma in Social Work

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għad-Diploma in Social Work.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut għall-Ħarsien Soċjali;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Social Work;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għad-Diploma.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet mibdija fl-1992 jew wara.

Eliġibilta' għad-Diploma

3. Biex ikun jista' jingħata d-Diploma student għandu jkun:

(a) irreġistrat għall-Kors u temmu b'suċċess kif hawn preskritt f'dawn ir-regolamenti;

(b) għadda mill-Eżamijiet Finali għad-Diploma; u

(c) issodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti f'dawn ir-regolamenti u fi statuti u regolamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Reġistrazzjoni u rekwiżiti speċjali għall-Kors

4. (1) Kandidat jista' jiġi rreġistrat għall-Kors jekk:

(a) jista' jidħol l-Universita' bħala student regolari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'; u

(b) jissodisfa bord ta' l-intervisti, imwaqqaf għal dan il-għan. li għandu l-kwalitajiet meħtieġa biex isegwi dan il-Kors.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, gradwati Universitarji u applikanti li għalqu t-23 sena li l-kwalifiki tagħhom jitqiesu bħala suffiċjenti mill-Bord, jistgħu jkunu eżentati minn kull rekwiżit ieħor għad-dħul fil-Kors, barra minn dak meħtieġ skond is-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament.

It-tul tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu normalment jinfirex fuq perijodu ta' tliet snin ta' studju *part-time*.

(2) Student ma jistax joqgħod għall-Eżamijiet Finali qabel tlett snin minn meta jkun daħal fil-kors ta' l-istudji.

(3) F'ċirkustanzi speċjali, il-Bord jista' jħalli student jestendi l-istudji tiegħu fuq massimu ta' erba' snin, għal raġuni tajba u suffiċjenti, bil-kundizzjonijiet li l-Bord jiddetermina f'kull każ.

Il-Kors ta' l-istudji

6. (1) Kors ta' l-istudji li jwassal għad-Diploma għandu jkun magħmul minn taqsimiet studju li m'għandux jingħatalhom inqas minn 30 kredtu.

(2) Il-Kors għandu jikkonsisti f':

(a) Modulu 1: Għerf Bażiku fix-Xjenzi Soċjali:
Soċjoloġija, Psikoloġija, Metodi ta' Riċerka.

(b) Modulu 2: Ħidma Soċjali:
Metodi, Kapaċitajiet, Valuri, Pjazzamenti Prattiċi.

(ċ) Modulu 3: Politika Soċjali:
Ħarsien Soċjali, Saħħa, Leġislazzjoni,
Amministrazzjoni Soċjali.

Katalgu ta' taqsimiet studju

7. (1) Qabel ma tibda kull sena akkademika, il-Bord għandu jippublika katalgu ta' taqsimiet studju u tal-kredti assenjati għal kull taqsima studju, skond kif approvat mis-Senat.

(2) Il-katalgu għandu jagħti dettalji tat-taqsimiet studju. Taqsima studju tista' tinkludi, jew tkun magħmula kollha minn, xogħol prattiku valutat fejn ikun jixraq. Student li jagħzel taqsima studju bħal din jista' jkun meħtieġ li jissottometti rapporti bil-miktub dwar ix-xogħol prattiku li jkun għamel.

(3) Il-katalgu għandu jinkludi wkoll il-metodu tal-valutazzjoni għal kull taqsima studju, liema taqsimiet studju għandhom jittieħdu flimkien u liema taqsimiet studju huma pre-rekwiżiti jew irrikmandati.

Progress

8. (1) It-taqsimiet studju għandhom ikunu mqassmin b'mod li kors ta' l-istudji jista' jintemm fi tlett snin.

(2) F'kull sena tal-Kors student hu mistenni jirreġistra għal għadd ta' taqsimiet studju li għalihom għandu jingħata total ta' mhux inqas minn 10 u mhux aktar minn 12-il kredtu.

(3) Il-kredti għandhom jingħataw skond dawn il-gradi, li jibdew mill-ogħla wieħed: A, B, C, D u F, fejn F tfisser Weħel.

(4) Student li jirreġistra għal taqsima studju u ma jkomplihiex għandu jkun meqjus li weħel minn dik it-taqsima studju.

(5) Student li jonqos milli jikseb kredtu għal taqsima studju għandu normalment jitħalla jagħmel riparatorju darba biss, f'liema każ il-grad li jista' jikseb għandu jkun jew D jew Weħel. Jekk ma jgħaddix fir-riparatorju huwa għandu jitħalla jerġa' jsegwi t-taqsima studju darba biss, u f'dan il-każ il-valutazzjoni tiegħu għandha tkun jew D jew Weħel. M'għandux ikun hemm riparatorju meta taqsima studju tkun ripetuta.

(6) Taqsimiet studju għandhom ikunu offruti f'livelli differenti. Taqsimiet studju bażiċi għandhom ikunu offruti fil-Livell 1, waqt li taqsimiet studju aktar avanzati għandhom ikunu offruti fil-Livell 2.

(7) Student li jikseb inqas minn 8 kredti f'xi sena tal-Kors m'għandux jitħalla jkompli l-Kors jew joqgħod għall-Eżamijiet Finali, ħlief f'ċirkustanzi speċjali u bl-approvazzjoni tas-Senat.

(8) Student ma jistax jieħu taqsima studju li m'għandux il-prerekwiżiti għaliha, jew mingħajr ma jieħu fl-istess żmien dawk it-taqsimiet studju indikati, ħlief bil-permess tal-Bord.

Proġett / *essay* twil

9. (1) Matul it-tieni parti tal-Kors kull student għandu jiġi mogħti proġett jew *essay* twil biex jagħmlu.

(2) In-natura tal-proġett / *essay* twil għandha tkun essenzjalment investigazzjoni dwar xi suġġett partikolari relatat mal-qasam ta' studju u għandu jsir taħt superviżjoni ta' tutur.

(3) Il-proġett / *essay* twil għandu jiġi sottomess għall-eżami xahrejn qabel it-tmiem ta' l-Eżamijiet Finali.

L-Eżamijiet Finali

10. (1) Meta jtemm kors ta' studji student għandu jkun meħtieġ jagħmel l-Eżamijiet Finali.

(2) L-Eżamijiet Finali għandhom isiru darba fis-sena biss, normalment f'Ġunju, u għandhom jikkonsistu f'żewġ karti. Jista' jsir ukoll eżami *viva voce*.

(3) Student m'għandux jitħalla joqgħod għall-Eżamijiet Finali jekk ma jkunx kiseb il-kredti kollha mogħtija għax-xogħol prattiku.

(4) Għall-għan tal-paragrafu (8) tar-regolament 8 il-kredti għandhom jingħataw proviżorjament lil student għal dawk it-taqsimiet studju li jintemmu sewwa sew qabel l-Eżamijiet Finali li jkun se jagħmel, bil-kundizzjoni li l-istudent ikun laħaq livell sodisfaċenti fit-taqsima studju.

Ir-riżultati finali

11.(1) Ir-riżultati finali ta' student għandhom iqisu l-livell tiegħu fl-Eżamijiet Finali, il-marki miksuba fil-proġett / *essay* twil, kif ukoll il-kredti u l-gradi miksuba matul il-kors ta' l-istudji tiegħu.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 12, student ma jikkwalifikax għad-Diploma jekk ma jgħaddix mill-Eżamijiet Finali f'sessjoni waħda.

(3) L-Eżamijiet Finali għandhom il-piż ta' erbgħin fil-mija għar-riżultat finali. Il-proġett / *essay* twil għandu l-piż ta' għoxrin fil-mija għar-riżultat finali. It-taqsimiet studju għandhom il-piż tal-bqija erbgħin fil-mija.

(4) Fir-riżultati finali, l-ismijiet tal-istudenti li kkwalifikaw għad-Diploma għandhom jiġu ppublikati f'ordni alfabetiku fil-kategoriji:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.

Ir-Riparatorju

12. Student li jeħel fl-Eżamijiet Finali jista' jitħalla mill-Bord jerġa' jagħmel l-Eżamijiet Finali kollha darba taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jiddetermina f'kull każ. Jekk jgħaddi, dan l-istudent jitqiegħed fil-kategorija ta' Għadda fir-riżultati finali.

Dispożizzjoni transitorja

13. Studenti li segwew korsijiet għad-Diploma fl-Istudji Soċjali Applikati mmexxija mill-Fakulta' ta' l-Arti għandhom jitħallew jittrasferixxu għall-kors ta' l-istudji msemmi f'dawn ir-regolamenti.